# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 3 t'April 2024**

**Rikors numru 949/2023 fl-ismijiet:**

**Hermann HABERFELLNER (Passaport Awstrijakk numru U0564589) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana (K.I.0012581M)**

**vs.**

**Mr Green Limited (C43260)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Mr Green Limited;

Rat ir-risposta tal-Av. Sarah Sultana bħala mandatarja ta' Hermann HABERFELLNER;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċeduri;

Semgħet lill-abbli Difensuri tal-partijiet li trattaw ir-rikors.  Ma ġiex kontestat li in segwitu għall-mandat de quo kien hemm depożitu tal-ammont pretiż.  Mhux kontestat li dan id-depożitu ma ġiex segwit minn xi forma ta' żbank da parti ta' Hermann HABERFELLNER.  Il-partijiet qablu li f'dan il-każ, l-effetti ta' dan il-mandat eżekuttiv setgħu jiġu sospiżi pendenti l-proċeduri mibdija bir-rikors numru **946/2023AB** fl-ismijiet **Mr**

**Green Limited vs. Hermann HABERFELLNER** biex imbagħad jiġu regolati skont l-eżitu ta' dawk il-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li qieset numru ta' deċiżjonijiet li ingħataw qabel dwar pendenzi simili, din il-Qorti tqis li Mr Green Limited pruvat li għamlet il-proċeduri appożiti għar-rifjut tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi de quo ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, kif ukoll li għandha *probabilis causa litigandi*.

Ġaladarba hemm qbil li l-ammont reklamat ġie depożitati taħt l-awtorita ta' din il-Qorti u pendenti l-proċedura mibdija bir-rikors numru **946/2023AB** fl-ismijiet **Mr Green Limited vs. Hermann HABERFELLNER, l-istess HABERFELLNER** għandu assigurazzjoni li l-ammont reklamat jinsab miżmum taħt l-Awtorita tal-Qorti fil-każ li t-talba tiegħu jkollha eżitu favorevoli għalih.

Mill-banda l-oħra stante dak previst fl-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, pendenti dawk il-proċeduri, din il-Qorti taqbel li għandha tagħti l-ordni li l-ammont depożitati ma jkunux żbankati minn ebda waħda mill-partijiet għajr ħlief jekk u meta dan ikun ordnat fid-deċiżjoni finali fuq ir-rikors **946/2023AB** imsemmi.

# DECIDE

**Għaldaqstant bis-saħħa tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012 il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti in parti fis-sens li tissospendi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru de quo b'mod li ebda parti f'dawn il-proċeduri ma tkun tista' tirtira, tiżbanka jew tiġbed ċedoli jew flejjes depożitati fl-atti tal-mandat tas-sekwestru f'dawn il-proċeduri sakemm jiġi deċiż ir-rikors numru 946/2023AB.**

**Il-Qorti tordna li dan id-digriet jiġi immedjatament notifikat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jinnotifika lill-partijiet b'dan id-digriet.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**